# L-Ewwel Ħadd ta' l-Avvent

## Qari I

*Il-Mulej jiġma' l-ġnus kollha fis-sliem tas-saltna ta' dejjem.*

Is 2, 1-5

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

1 Il-kelma li ġiet f'dehra lil Isaija bin Amos,
dwar Ġuda u Ġerusalemm.
2 Għad jiġri fl-aħħar jiem
li l-għolja tad-dar tal-Mulej
togħla 'l fuq mill-qċaċet tal-muntanji,
u tintrefa' 'l fuq mill-għoljiet,
lejha għad jiġru l-ġnus kollha.
3 Kotra ta' popli għad jiġu u jgħidu:
«Ħalli mmorru u nitilgħu fuq l-għolja tal-Mulej,
lejn id-dar ta' Alla ta' Ġakobb,
biex jgħallimna triqatu,
u nimxu fil-mogħdijiet tiegħu.»
Għax minn Sijon joħroġ it-tagħlim,
u l-kelma tal-Mulej minn Ġerusalemm.
4 Il-Mulej jagħmel il-ħaqq bejn il-ġnus,
u jaqta' s-sentenza bejn ħafna popli;
u huma jibdlu x-xwabel tagħhom f'sikek tal-moħriet,
u l-lanez tagħhom fi mnieġel.
Ebda ġens ma jerfa' x-xabla kontra ġens ieħor,
u s-sengħa tal-gwerra ma jitgħallmuhiex iżjed.
5 Ejja, dar Ġakobb,
ħalli nimxu fid-dawl tal-Mulej!

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 121 (122), 1-2.4-5.6-7. 8-9

R/. (ara 1): Immorru ferħana f'dar il-Mulej!

1 Fraħt meta qaluli:
«Sejrin f'dar il-Mulej!»
2 Diġa' qegħdin riġlejna
fi bwiebek, Ġerusalemm! R/.

4 Lejha t-tribujiet jitilgħu,
it-tribujiet tal-Mulej,
biex, skond il-liġi ta' Iżrael,
ifaħħru isem il-Mulej.
5 Għax hemm twaqqfu t-tronijiet tal-ħaqq,
it-tronijiet tad-dar ta' David. R/.

6 Itolbu s-sliem għal Ġerusalemm:
Ħa jkollhom is-sliem dawk kollha li jħobbuk!
7 Ħa jkun hemm is-sliem ġewwa l-ħitan tiegħek,
u l-ġid fil-palazzi tiegħek! R/.

8 Minħabba ħuti u ħbiebi,
ħallini ngħidlek: «Is-sliem għalik!»
9 Minħabba f'dar il-Mulej, Alla tagħna,
nixtieq illi jkollok il-ġid. R/.

# Qari II

*Is-salvazzjoni tagħna fil-qrib.*

Rum 13, 11-14a

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani**

Ħuti, 11 waslet is-siegħa li intom tqumu min-ngħas; għax
is-salvazzjoni tagħna hi eqreb minn meta bdejna nemmnu.

12 Il-lejl għoddu għadda, u qorob il-jum. Inwarrbu mela l-għemil
tad-dlam u nilbsu l-armi tad-dawl.

13 Ngħixu kif jixraq, bħal f'bi nhar; mhux bl-ikel iż-żejjed u s-sokor,
mhux biż-żina u t-tbahrid, mhux bil-ġlied u l-għira. 14 Imma ilbsu lil
Sidna Ġesù Kristu u ħallukom mill-ħsieb tal-ġisem u l-ġibdiet tiegħu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Salm 84 (85), 8

Hallelujah. ℟. Hallelujah
Uri lilna, Mulej, it-tjieba tiegħek,
u s-salvazzjoni tiegħek agħtina.
℟. Hallelujah

# Evanġelju

*Ishru biex tkunu lesti.*

Mt 24, 37-44

## Qari mill-Evanġelju skond San Mattew

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: [37]«Bħal fi żmien Noè,
hekk tkun il-miġja ta' Bin il-bniedem. [38]Għax kif fiż-żmien ta' qabel
id-dilluvju kienu jieklu u jixorbu, jiżżewġu u jżewġu sa dakinhar li
Noè daħal fl-arka, [39]u b'xejn ma ntebħu sa ma wasal id-dilluvju u ġarr
lil kulħadd, hekk tkun il-miġja ta' Bin il-bniedem. [40]Imbagħad tnejn
ikunu fl-għalqa: wieħed jittieħed u l-ieħor jitħalla; [41]żewġ nisa jkunu
jitħnu flimkien: waħda tittieħed u l-oħra titħalla.

[42]Ishru, mela, għax ma tafuhx il-jum li fih jiġi Sidkom. [43]Kunu afu dan,
li kieku sid id-dar kellu jkun jaf f'liema sahra tal-lejl se jiġi l-ħalliel,
kien jishar u ma jħallix min jinfidlu l-ħitan ta' daru. [44]Mela kunu lesti
intom ukoll, għax qatt ma tistgħu tobsru s-siegħa li fiha jiġi Bin
il-bniedem.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu